**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar, 2001**

**Numru 30**

**Avviz. numru 527/00JR**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**Philip Buhagiar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Marzu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u ghoxrin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm120.91) ammont dovut bhala hlas ghall-ilma li ttiehed minghajr ma gie registrat f'meter fil-fond Razzett, Triq l-Imdina, Rabat, fit-30 ta' Settembru, 1993 u fix-xhur ta' qabel flimkien ma' l-ispejjez ta' l-ispezzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-5 ta' Mejju, 2000, fejn intqal li t-talba attrici hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.**

**Semgha x-xhieda ta' Emanuel Cumbo, Anthony Bonello, Raymond Falzon, u Rocco Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi l-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici huwa in kwantu ghall-ghaxar liri Maltin (Lm10.00) ghall-hlas ghall-ilma li ma giex registrat f'meter, u mija u ghoxrin lira Maltija u disghin centezmu (Lm120.90) spejjez li ghamlet il-Korporazzjoni, cioe` inspection fee, u spejjez amministrattivi.**

2. **Skond il-Korporazzjoni l-ammont kien dovut ghall-perijodu sat-30 ta' Settembru, 1993.**

3. **Il-konvenut qed jghid li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li jiddisponi li jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:**

> **"L-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku."**

4. **Jirrizulta li fil-25 ta' Settembru, 1998 kienet giet prezentata ittra ufficjali kontra l-konvenut, esebita bhala Dok.A, mir-riferta u "pink card" ta' liema jirrizulta li din giet notifikata qabel it-30 ta' Settembru, 1998, u dana ukoll konformement ma' dak li xehed Raymond Falzon, purtier fil-Qrati tal-Gustizzja, li kien ghamel ir-riferta relativa. Fil-fatt jirrizulta li din l-ittra ufficjali kienet giet accettata minn Rita Buhagiar li ghandha l-karta ta' l-identita` numru 803032(M), u t-timbru tal-posta fuq il-"pink card" igib id-data tat-30 ta' Settembru, 1998, Dok.RF.**

5. **it-Tribunal jaghmel referenza ghall dak li jiddisponi l-Artikolu 2130 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:**

> **"Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta' l-att ma ssirx qabel ma jaqghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni."**

6. **Fil-kaz in ezami ghalhekk definittivament il-perijodu preskrittiv inkiser bil-presentata ta' l-ittra ufficjali fit-terminu mehtieg. Ghalhekk ma hemmx lok li tigi akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata.**

7. **Dwar il-mertu jinghad li l-Korporazzjoni attrici kkonfermat li l-ammont kien dovut kif fuq spjegat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, jilqa' t-talba tal-Korporazzjoni attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' mija u ghoxrin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm120.91).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**